**- Falliment – Art.431 tal-Kap 338 – Art.150 (e) tal-Kap 168 –**

**- Art. 477, 482, u 488 tal-Kap 13 -**

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 31 ta' Jannar 2001**

**Kawza Numru: 26**
**Citazzjoni Numru: 1296/99/RCP**

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone u Avukat Dottor Robert F. D'Alessandro bhala mandatarji specjali ta' s-socjeta' estera All Ways S.A.**

**vs**

**Aspasia Cruises Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni attrici ipprezentata fl-4 ta' Gunju 1999 fejn gie premess:-

Illi l-atturi nomine huma kredituri tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' tlett mija tlieta u sittin elf u disa' mitt dollaru Amerikani (US$363,900) bhala somma dovuta mis-socjeta' konvenuta u rapprezentanti rimbors ta' somma ekwivalenti avvanzata lis-socjeta' konvenuta mill-atturi *nomine* bhala depozitu akkont ta' somma akbar skond kuntratt ta' *charterparty* datat 8 ta' Dicembru 1997 fuq bastiment bl-isem *Lady Fortune* (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. "A"), u dan bhala konsegwenza tal-fatt li wara l-imsemmi kuntratt - u bi pregudizzju enormi kawzat lill-attur nomine – irrizulta li l-bastiment ma huwiex ta' propjeta' tas-socjeta' konvenuta.

Illi peress inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-atturi nomine sofrew danni enormi minhabba l-azzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

Illi ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex thallas is-somma ta' US$363,900 (u sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni w eventwali hlas ta' danni kagunati minnha), is-socjeta' konvenuta xorta wahda baqghet inadempjenti sallum, tant hu hekk li allovalja li tirrikonoxxi u taccetta l-pretensjonijiet ta' l-atturi

nominee, l-istess socjeta' konvenuta ma hijiex f'posizzjoni li thallas lill-atturi nomine minhabba insufficjenza ta' fondi.

Illi peress illi ghaldaqstant irrizulta li s-socjeta' konvenuta waqfet milli thallas id-djun taghha u konsegwentement tinsab fi stat ta' falliment *ai termini* ta' d-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi u aktar precizament l-artikolu **477 ta' l-Kodici ta' l-Kummerc (Kap. 13 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta).**

Rat illi l-atturi nomine talbu lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandhiex :-

1. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta waqfet thallas id-debiti taghha;

2. Tistabilixxi l-gurnata tac-cessazzjoni ta' l-pagamenti da parti taghha;

3. Tiddikjara illi l-istess socjeta' konvenuta tinsab fi stat ta' falliment u dan bi procedura sommarja skond it-termini **ta' l-artikolu erba' mija u tnejn u tmenin (482) sub-artikolu wiehed (1) tal-Kodici tal-Kummerc, Kapitolu 13;**

4. Tinnomina kuratur (wiehed jew izjed) ghas-socjeta' konvenuta sabiex jigu ezercitati l-funzjonijiet moghtija skond id-disposizzjonijiet relattivi ta' l-imsemmi **Kapitolu 13.**

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta u flimkien mac-citazzjoni inghatat malleverija fis-somma ta' mhux aktar min mitejn lira Maltija (Lm200) ghall-penali kif stiplulat fl-**artikolu erbgha mija u tnejn u tmenin (482) tal-imsemmi Kap 13.**

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi nomine u d-dokumenti pprezentati minnhom, fosthom ic-*chaterparty agremment* datat 8 ta' Dicembru 1997 (Dok. "A" – fol. 5 sa fol. 22); ittra legali datata 8 ta' Frar 1999 (Dok. "B") ; ittra ufficjali datata 4 ta' Marzu 1999 (Dok. "C") ittri datati 7 u 24 ta' Mejju 1999 mis-socjeta' S. Mifsud & Sons Ltd (Dok. "D" u "E") ; prokura *ad litem* favur l-atturi ( Dok. "F"); u garanzija (Dok. "G"), lkoll annessi mac-citazzjoni attrici.

Rat illi minkejja li s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata fl-20 ta' Settembru 1999 hija naqset li tipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet, u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat il-verbali tas-seduti tat-23 ta' Novembru 1999, 25 ta' Jannar 2000, 15 ta' Marzu 2000, 17 ta' Mejju 2000,

21 ta' Gunju 2000, 8 ta' Novembru 2000 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-31 ta' Jannar 2001.

Rat ix-xhieda ta' Dr. Robert D'Alessandro tal-25 ta' Jannar 2000, l-affidavit ta' Marie Barbara Rzad Wanet tal-20 ta' Jannar 2000, Dr. Claudette Fenech, il-P.L. Jonathan De Maria u Paul Bezzina tat-8 ta' Novembru 2000.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET FATTWALI

Illi din l-kawza tikkoncerna talba sabiex il-Qorti tippronunzja l-falliment tas-socjeta' konvenuta Aspasia Cruises Co. Ltd peress li skond l-atturi nomine hija waqfet thallas id-debiti taghha. L-atturi nomine ressqu diversi xhieda u provi sabiex jissosstanzjaw din it-tezi.

Illi fost l-istess xhieda prodotti fl-affidavit taghha, Maria Barbara Rzad Wanet, rapprezentanta tas-socjeta' attrici All Ways S.A., spjegat kif is-socjeta' attrici dahlet f'*charterparty* (fol.5 sa fol. 22) mas-socjeta' konvenuta ghar-rigward il-bastiment *"Lady Fortune*" sabiex dan jigi utilizzat minnha ghall-perijodu determinat bhala *cruise liner*. Fl-istess *chareterparty*

hemm elenkat f'mod dettaljat dawk li kienu l-obbligi rispettivi tal-kontraenti.

Illi irrizulta li wara li s-socjeta' attrici kienet diga' halset is-somma ta' US$363,900 lis-socjeta' konvenuta bhala depozitu a bazi tal-istess ftehim, gie a konnoxxenza taghha illi l-bastiment ma kienx effettivament il-propjeta' tal-istess socjeta' konvenuta.

Illi fil-fatt sas-6 ta' Marzu 1998 il-bastiment kien ghadu registrat bl-isem "AUSONIA" fuq s-socjeta' *Ausonia Crociere s.p.a.,* li hija socjeta' kummercjali registrata l-Italja, u sussegwentement gie mibjugh lis-socjeta' Masters Shipping Company, socjeta' kummercjali registrata l-Grecja.

F'dan l-istadju s-socjeta' attrici ovvjament insistiet li kellha tigi refuza s-somma ta' US$363,900 li kienet diga' hallset lis-socjeta' konvenuta, u anke ppretendiet li tigi rizarcita d-danni kollha nkorsi minnha bhala konsegwenza ta' l- inadempjenza da parte tas-socjeta' konvenuta. Hekk, per ezempju, is-socjeta' attrici All Ways S.A. kienet diga irregistrat numru ta' *bookings* u sahansitra thallsu depoziti ghall-*cruises* li kienet ser topera waqt li l-bastiment kien ser ikun fil-pussess taghha skond ic-*charterparty*.

Illi fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2000 xehed l-Av. Robert D'Alessandro fil-vesti tieghu ta' mandatarju tas-

socjeta' attrici fejn spjega li flimkien mal-Av. Dr. Luigi Sansone kienu gew inkarigati mis-socjeta' All Ways S.A. sabiex jittantaw jirkupraw il-krediti fuq indikati.

Illi L-Av. D'Alessandro attenda ghall-laqgha ma' Simon Mifsud, direttur ta' S. Mifsud & Sons Ltd., li kienet tirrapprezenta lis-socjeta' konvenuta f'Malta, u ma' zewgt' avukati tal-istess socjeta' konvenuta. Simon Mifsud spjega lill-Av. D'Alessandro li s-socjeta' konvenuta ma ghandha l-ebda assi f'Malta u konsegwentement kien ikun ezercizzju inutili ghall-Av. D'Alessandro li jipprocedi gudizzjarjament kontra s-socjeta' konvenuta. Ghalhekk gie suggerit minnu li s-socjeta' konvenuta tghaddi lis-socjeta' attrici All Ways S.A. drittijiet litigjuzi li kellha l-Italja fil-konfront tas-socjeta' kummercjali estera ohra. Illi dawn id-dettalji jinsabu wkoll ikkonfermati permezz ta' zewg *faxes* mill-istess socjeta' S. Mifsud & Sons Limited lill-mandatarji tas-socjeta' attrici datati rispettivament 7 u 24 ta' Mejju 1999 u ezebiti rispettivament a fol. 25 u 26 tal-process.

Illi minkejja li f'din il-laqgha gie miftiehem li din l-offerta kellha ssir bil-miktub u f'mod formali, is-socjeta' attrici baqghet ma rceviet l-ebda komunika f'dan ir-rigward. Is-socjeta' attrici ghalhekk bdiet tissuspetta li l-anqas dawn id-drittijiet litigjuzi ma kienu jezistu. Fil-fatt, permezz ta' nota ezebita fil-21 ta' Gunju 2000 hija ezebit *facsimile transmission* mibghuta lill-avukati

taghha minn S. Mifsud & Sons Ltd. fejn dawna ipprovdew prova li s-socjeta' konvenuta kienet inizjat proceduri gudizzjarji quddiem it-*Tribunale di Napoli* kontra AUSONIA CROCIERE s.p.a., socjeta' kummercjali taljana. Prezumibilment din il-*fax* intbaghtet sabiex jintwera li dawn kienu d-drittijiet litigjuzi li dwarhom kienet saret il-proposta fuq imsemmija.

Illi pero', minn indagini maghmula mis-socjeta' attrici, tramite avukat f'Napoli, l-Italja, ma rrizultax li kien hemm kawza pendenti quddiem it-*Tribunale Civile di Napoli,* kif jirrizulta mill-ittra datata 16 ta' Gunju 2000 a fol. 214 tal-process.

Illi l-Qorti tirrileva wkoll illi minkejja li s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata u kellha kull opportunita' tikkontesta l-kawza u tattendi ghal dawn il-proceduri, hija naqset milli taghmel dan. Apparti minn hekk, mill-provi kumplessivi prodotti mill-atturi nomine, huwa evidenti li t-talbiet tas-socjeta' attrici ghall-hlas huma interament gustifikati, minhabba l-inadempjenza da parte tas-socjeta' konvenuta, li naqset li tonora l-obbligi taghha, u *di piu'* naqset li thallas l-ammonti kollha minnha dovuti.

Illi in vista ta' dan kollu din l-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li taqbel ma' dak premess fic-citazzjoni attrici, u cioe' li s-socjeta' konvenuta waqfet milli

thallas id-debiti taghha b'effett mill-9 ta' Frar 1999, id-data meta giet notifikata b'ittra registrata datata 8 ta' Frar 1999, sabiex thallas l-istess ammont indikat fic-citazzjoni attrici, liema ittra registrata u n-notifika relattiva tinsab ezebita bhala Dok. "B" a fol. 23 tal-process.

Illi ma dan jizdied ukoll il-fatt li jirrizulta mill-provi prodotti, li l-istess socjeta' konvenuta ma ghandha ebda assi kwalunkwe sabiex taghmel tajjeb ghall-pretensjonijiet attrici, u fil-fatt lanqas ghandha ebda ammonti ta' flus fil-kont bankarju taghha, u dan l-istat ta' fatt huwa wkoll ammess mill-ittri fuq indikati tas-socjeta' S. Mifsud & Sons Limited datati 7 u 24 ta' Mejju 1999, fejn qed jghidu lis-socjeta' attrici sabiex ma jaghmlu ebda proceduri l-Qorti stante li s-socjeta' konvenuta ma ghandiex biex thallas. Dan apparti li l-vapur, li kien indikat fil-*charter party agreement* irrizulta li ma huwiex lanqas proprjeta' tas-socjeta' konvenuta, u *di piu`* irrizulta wkoll li l-istess socjeta' konvenuta ma kellha ebda drittijiet litiguzi li setghet titrasferixxi lis-socejta' attrici, u ghalhekk l-istess socjeta' konvenuta tinsab fi stat ta' falliment.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

Il-ligi applikabbli ghal socjeta' kummercjali li l-*objects* taghha jkunu konnessi max-*shipping* ma hijiex il-

*Companies Act (Kap. 338 tal-Ligijiet ta' Malta)* izda l-*Commercial Partnerships Ordinance (Kap. 168 tal-Ligijiet ta' Malta)*, u dan skond l-**artikolu 431 tal-istess Companies Act** li jipprovdi s-segwenti:

***431.*** *(1) Notwithstanding anything to the contrary contained in sections 428 and 429 of this Act -*

*(b) private companies, other than offshore companies referred to in paragraph (a) of this subsection, **whose objects and activities are limited to the sole purposes of owning, managing, administering or operating ships and to transactions ancillary thereto**, whether formed and registered before, on or after the appointed day, shall be regulated by the Ordinance and shall continue to be so regulated until such date, as the Minister may by order in the Gazette establish, from when the provisions of this Act shall commence to apply to them. In this paragraph "ships" shall have the meaning assigned to it by the Merchant Shipping Act:*

*Provided that, in his order, the Minister may exempt such companies from any one or more of the provisions of this Act, with such qualifications and under such conditions as may be specified in the order."*

Illi mill-*Memorandum of Articles* tal-istess socjeta' konvenuta, li jinsab ezebit a fol. 187 sa 192 tal-process, jirrizulta li in effeti l-istess socjeta' konvenuta hija tali socjeta' kif deskritta fl-artikolu appenna citat.

Issa, *ai termini* tal-**artikolu 150 (e) tal-Ordinanza Dwar il-Kumpaniji (Kap. 168 tal-Ligijiet ta' Malta)** " … … … *kumpanija xxolji jekk tigi dikjarata falluta"*.

Illi ghalhekk il-ligi dwar falliment li tapplika fil-kaz in kwistjoni hija dik *ai termini* tal-Kap 13, li skond l-**artikolu 477** tal-istesss tipprovdi illi:-

*"Kull kummercjant li jieqaf mill-hlas tad-djun huwa fi stat ta' falliment".*

Illi l-istess Kodici jipprovdi illi t-talba ghal dikjarazzjoni ta' falliment tista' anke ssir mill-kredituri, bhal per ezempju s-socjeta' attrici fil-kaz in ezami.

Illi in effetti l-istess **artikolu 482 tal-Kap 13** jipprovdi li :-

*482.(1) Kull kreditur jista' wkoll, sew jekk il-kreditu tieghu ikun kummercjali jew le, u ghalkemm dan il-kreditu jkun ghadu ma ghalaqx, jagixxi bi procedura sommarja fil-Qorti tal-Kummerc kontra d-debitur jew ir-rapprezentant legittimu tieghu, u jitlob dikjarazzjoni li dana d-debitur huwa fi stat ta' falliment*.

*(2) it-talba ghal dikjarazzjoni ta' falliment ma tistax issir minn iben kontra l-missier, jew minn missier kontra l-iben, jew mir-ragel kontra l-mara jew mill-mara kontra r-ragel.*

Illi in fatti fis-sentenza **"Neg. Vincenzo Croce Schembri vs Domenico Bonello"** (K. 12 ta' Ottubru 1869. Vol. V pg. 183) inghad li:

"*La dichiarazione di fallimento di un commerciante non e' imposta compulsoriamente, ma e' dalla legge lasciata alla liberta' e convenienza del medesimo commerciante e dei suoi creditori, se e quando vogliano prevalersene".*

Illi dan huwa proprju l-kaz odjern. Is-socjeta' attrici ippromoviet din l-azzjoni wara li s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammonti minnha dovuti.

Illi gie wkoll affermat fis-sentenza **"Neg. Vincenzo Degaetano et vs Vincenzo Manicolo"** (K. 4 ta' Novembru 1912 . Vol. XXI. III. 127):

"*Lo stato effettivo di fallimento vien constatato dagli atti gudiziari pendenti contro il debitore*"

Illi mid-dokumenti ezebiti, mill-provi prodotti, u mill-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti a bazi tal-istess xhieda u atti, jirrizulta pruvat u mhux kontradett li s-socjeta' konvenuta tinsab fi stat ta' falliment stante li ma hijiex f'posizzjoni li thallas lill-kredituri taghha, inkluz lis-socjeta' attrici, ghalkemm jidher li bl-ebda mod is-socjeta' konvenuta ma ikkontestat l-pretensjonijiet attrici. Illi fil-fatt jirrizulta wkoll li l-istess socjeta' konvenuta ma ghandha ebda assi kwalunkwe sabiex taghmel tajjeb ghall-istess obbligi ta' hlas taghha, tant li ma hallset xejn mill-ammonti dovuti nonostante diversi interpellazzjonjiet mis-socjeta' attrici.

Illi tenut kont ta' dak li ser jinghad aktar il-quddiem, wiehed irid jara jekk jezistix bhala fatt ic-cessazzjoni da parte tad-debitur li jkompli jmexxi l-affari tieghu, ghaliex il-fatt fih innifsu ta' nuqqas ta' hlas ma jimpurtax necessarjament id-dikjarazzjoni ta' falliment. Hekk fis-sentenza **"Concorso dei Creditori di Anna Gerada"** (K. 28 ta' Gunju 1926. Vol. XXVI. III. 664) inghad li:

"*Il fatto di non avere un commerciante fatto onore a diversi impegni non induce necessariamente la cessazione da parte sua di fare i pagamenti*"

Illi mill-provi jirrizulta illi s-socjeta' konvenuta, tramite r-rappresentanti taghha Malta, ammettiet ukoll li ma

kellhiex assi sabiex thallas id-debitu, tant li pproponiet informalment li jassenja lis-socjeta' attrici, id-drittijiet litiguzi taghha kontra terzi, f'kawza, skond hija pendenti fil-Qrati Taljani, pero' anke din il-proposta ma waslet ghal xejn ghaliex minn indagini li ghamlet is-socjeta' attrici, ma irrizultax li kien hemm kawza pendenti kontra dak li inghad mis-socjeta' konvenuta. Illi fil-fatt l-istess pretensjoni tas-socjeta' attrici baqghet ma thallsitx sallum nonostante interpellazzjonijiet li ilhom isiru mit-8 ta' Frar 1999.

Illi ghalhekk jista' jinghad li dan l-istat ta' fatt, u d-dikjarazzjoni tas-socjeta' S. Mifsud & Sons Limited fil-*fax* datata 7 ta' Mejju 1999 (fol. 25) fejn jinghad illi *"Aspasia is a company with no assets apart from the potential recovery from the action presently underway in Italy",* tenut kont li lanqas din il-kawza fl-Italja ma fil-fatt giet ipprovata li tezisti, iwasslu ghall-konkluzzjoni li l-istess socjeta' konvenuta tinsab fi stat ta' falliment.

Illi dan qed jinghad ghalhekk in konsiderazzjoni tal-principju kkonfermat fid-decizjoni **"Fil-falliment ta' Joseph Grixti, ezercitant il-kummerc taht id-ditta Christie Davie & Sons"** (Appell 15 ta' April 1955) fejn inghad illi:

"*Il-punt dwar meta kummercjant jieqaf mill-hlas tad-djun u ghalhekk ikun fi stat ta' falliment, huwa punt ta' fatt.*"

Illi dawn il-principji kollha gew ilkoll ribaditi fis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **"Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. vs Matthew Ciavola"** datata 4 ta' Mejju 1999 (Citaz. Numru. 1445/97/RCP) u ghalhekk din l-istess Qorti tikkonferma l-istess.

Illi mix-xhieda prodotta jirrizulta li s-socjeta' konvenuta waqfet taghmel pagamenti mid-9 ta' Frar 1999, meta hija giet interpellata permezz ta' ittra registrata datata 8 ta' Frar 1999, kif gia gie indikat iktar il-quddiem.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati, ma saret ebda kontestazzjoni, u li s-socjeta' konvenuta mhux biss ma hallsitx id-debitu taghha meta giet interpellata izda baqghet tippersisti f' dan l-agir taghha anke wara li nbdew dawn il-proceduri l-Qorti.

*Di piu`*, s-socjeta' konvenuta baqghet kontumaci ghaliex nonostante li giet notifikata bic-citazzjoni odjerna fl-20 ta' Settembru 1999 (fol 31) hija baqghet ma pprezentat l-ebda eccezzjonijiet u wkoll ma pprezentat ebda rikors sabiex tiggustifika l-kontumacja taghha, nonostante in-natura serja tac-citazzjoni odjerna.

Illi jirrizulta bl-aktar mod car u univoku illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammonti

ndikati fic-citazzjoni attrici ghar-ragunijiet hemm premessi, liema ammonti is-socjeta’ konvenuta baqghet ma halsitx minkejja diversi interpellazzjonijiet sia legali u sia gudizzjarji. Illi dan kollu flimkien mal-konsiderazzjonijiet fuq indikati jimporta l-htiega li din il-Qorti tiddikjara illi s-socjeta’ konvenuta waqfet milli thallas id-debiti taghha u dan mid-9 ta’ Frar 1999, u li ghalhekk l-istess socjeta’ konvenuta hija fi stat ta’ falliment.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## IV. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta, **taqta’ u tiddeciedi,** billi **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi :-

(1) Tiddikjara illi l-istess socjeta’ konvenuta Aspasia Cruises Co. Ltd. waqfet milli thallas id-debiti taghha.

(2) Tiddikjara li s-socjeta’ konvenuta Aspasia Cruises Co. Ltd. waqfet thallas id-debiti taghha u dan b’effett mid-9 ta’ Frar 1999, data ta’ cessazzjoni ta’ pagamenti mis-socjeta’ konvenuta.

(3) Tiddikjara li l-istess socjeta' konvenuta tinsab fi stat ta' falliment *ai termini* tal-**artikolu 482 (1) tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta);**

(4) Tinnomina lill-avukat Dottor Ian Stafrace bhala kuratur ghas-socjeta' konvenuta sabiex jigu ezercitati l-funzjonijiet moghtija lilu bis-sahha tal-**artikolu 488 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap13)**, wara li jiehu il-gurament preskritt bl-**artikolu 492** tal-istess Kodici.

Illi l-ispejjez ta' dawn l-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-istess socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**31 ta' Jannar 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**31 ta' Jannar 2001**